MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2012

Citazzjoni Numru. 582/2009

**L-Avukat Dottor Anthony Galea bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera G.O.S.S. Consultants Limited ta' l-Ingilterra**

**Vs**

**Il-Bastiment MV UTEC Surveyor**

**<u>Rikors guramentat.</u>**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-15 ta' Gunju 2009 l-attrici ppremettiet li:-

1. Ipprvodiet servizz ta' *'crewing'* cjoe' x-xoghol taghha hu li tirraprezenta u tipprovdi ekwipagg specjalizzat lill-bastimenti specjalizzati.
2. Il-bastiment MV UTEC Surveyor huwa registrat fir-registru ta' St. Vincent and the Grenadines u ghandu IMO numru 4500084, u huwa bastiment specjalizzat f'xoghol ta' surveying, liema xoghol jirrikjedi necessarjament l-impieg ta' ekwipagg specjalizzat.
3. Illi l-bastiment MV UTEC Surveyor hu debitur tal-attrici fis-somma ta' €68,582.27, rapprezentanti €20,621.88 dovuti lil Jamkar Lukasz bhala salarji u spejjez relatati mal-impjieg tieghu fuq MV UTEC Surveyor; €17,779.34 dovuti lil Niall Bingham bhala salarji u spejjez relatati mal-impjieg tieghu fuq l-istess bastiment; €16,907.68 dovuti lil Graham March Caines bhala salarji u spejjez relatati mal-impjieg tieghu; u €7,273.37 dovuti lill-Mohammed Soliman bhala salarji u spejjez relatati mal-impjieg tieghu fuq il-bastiment.
4. Dawn il-persuni kienu kollha parti mill-ekwipagg ta' MV UTEC Surveyor.
5. Il-kreditu tal-attrici hu cert, likwidu u dovut.

Ghaldaqstant talbu sabiex il-qorti:-

1. Tordna li l-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-Artikolu 167 tal-Kap. 12.
2. Tiddikjara li l-bastiment hu debitur tal-attrici fis-somma ta' €62,582.27.
3. Tikkudanna lill-bastiment sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' €62,582.27.

**<u>Risposta guramentata[1].</u>**

1. In-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti ghaliex skond l-Artikolu 742B(r) tal-Kap. 12, il-gurisdizzjoni tal-Qorti testendi biss fil-konfront ta' kull pretensjoni dedotta mill-kaptan, mill-ufficcjali jew minn membru tal-ekwipagg jew mill-ekwipagg tal-vapur ghas-salarji u flejjes ohra dovuti lilhom u mhux ghalhekk minn terzi bhas-socjeta attrici.

[1] Prezentata fit-3 ta' Dicembru 2009 – fol. 39.

2. Il-persuni li taw servizz fuq il-bastiment ma jikkwalifikawx bhala membri tal-ekwipagg ta' vapur skond il-ligi, u ma jistghux jitqiesu kredituri li jistghu jaghmlu azzjoni in rem.
3. Hemm nuqqas ta' interess guridiku, ghaliex semmai kull kreditu li jista' jirrizulta in konnessjoni mal-allegati servizzi jispettaw lill-individwi terzi li taw is-servizz u xoghol u mhux is-socjeta attrici.
4. L-attrici trid taghti prova kif waslet ghall-ammont minnha pretiz f'dawn il-proceduri.

Il-qorti rat l-atti u semghet ukoll it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partjiet.

**Konsiderazzjonijiet**.

1. L-attrici harrket lill-bastiment biex tithallas ghas-servizz li offriet li kien ta' ingagg ta' nies teknici ghal xoghol ta' surveying li kellu jsir fuq il-bastiment konvenut.

2. Jibda biex jinghad li l-qorti hi tal-fehma li l-persuni li kienu ngaggati minn G.O.S.S. Consultants Limited u ntbaghatu jahdmu fuq il-vapur MV UTEC Surveyor, jikkwalifikaw bhala ekwipagg tal-vapur. Dan il-bastiment jintuza sabiex isiru surveys fuq il-bahar. Sabiex ikun jista' jsir dan ix-xoghol hemm bzonn ta' nies teknici. Dawn kienu jinkludu CAD operator, data processors u geophysicists. Certament li minghajr dawn in-nies il-bastiment ma jistax jintuza ghall-ghan li ghalih akkwistatu UTEC Survey Ltd. Dawn in-nies kienu qeghdin jahdmu abbord il-bastiment fil-kariga li kull wiehed minnhom kellu. Ghalhekk fil-fehma tal-qorti in-nies li pprovdiet l-attrici lil UTEC Survey Ltd jikkwalifikaw bhala ekwipagg meta tqies:-

i. Li kienu qeghdin jahdmu fuq il-vapur ghall-perjodu waqt li MV UTEC Surveyor qieghed ibahhar.

ii. Id-dmirijiet taghhom kienu qeghdin jikkontribwixxu sabiex il-vapur iwettaq l-ghan tal-vjagg, dak li jsir survey[2].

3. L-attrici hi kumpannija li timpjega nies li jaghmlu dan it-tip ta' xoghol. Mill-atti hu evidenti li r-relazzjoni kuntrattwali tal-attrici kienet ma' UTEC Survey Ltd[3], li l-qorti fehemet li f'xi zmien matul l-2009 dahlet f'amministrazzjoni. Kumpannija li hi sid tal-bastiment konvenut MV UTEC Survey. L-attrici qeghda ssostni li din il-qorti ghandha gurisdizzjoni skond l-Artikolu 742B(r) tal-Kap. 12[4], li jipprovdi li qorti civili f'Malta ghandha gurisdizzjoni *in rem "....kontra vapuri jew bastimenti fit-talbiet marittimi li gejjien....."*:-

*"kull pretensjoni mill-kaptan, mill-ufficjali, jew minn membru ta' l-ekwipagg, jew mill-ekwipagg ta' vapur, ghas-salarji u flejjes ohra dovuti lilhom rigward l-impjieg taghhom fuq il-vapur inkluzi l-ispejjez ta' rimpatrijazzjoni u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà socjali li jithallsu f'isimhom."*.

Hu evidenti li l-Artikolu 742B(r) tal-Kap. 12 hu ntiz biex jaghti rimedju lill-kaptan u lill-ekwipagg, kontra l-istess bastiment. G.O.S.S. Consultant Limited m'hijiex mandatarja tal-membri tal-ekwipagg li hadmu fuq il-bastiment konvenut, u qeghda tagixxi f'isimha. Fil-fehma tal-qorti huma biss il-persuni li jissemmew fl-imsemmi provvediment li jistghu jintavolaw azzjoni kontra bastiment f'Malta. L-attrici tidher li fehemet din id-diffikulta u fit-tenattiv biex tipprova issib soluzzjoni ghamlet skrittura mal-persuni li ngaggat u li hadmu fuq il-bastiment[5], fejn jinghad:-

---

[2] *"They were signed on to the vessel, on board the UTEC Surveyors, they were signed on, to come on board as marine crew to work in that capacity, even though they are very specialized, because the nature of the job is survey vessel, they were essential to be on board as crew in that specialist capacity, if they weren't on board, the job basically wouldn't run, if one of them gets off, they need to replace it, they can't continue in their capacity as a survey vessel."* (Richard Tozer li jahdem mal-attrici bhala Managing Director, seduta tas-16 ta' Marzu 2010 - fol. 45).

[3] Ara l-kontijiet mahruga minn G.O.S.S. Consultants Ltd lil UTEC Survey Ltd a fol. 6 sa 16.

[4] Fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2011 id-difensur tal-attrici kkonferma li *"....l-kawza saret a bazi tal-artikolu 742B(r) tal-Kap. 12."*.

[5] Tlieta minnhom huma datati 21 ta' Mejju 2009 u ohra 20 ta' Lulju 2009.

*"2. Transferor* (haddiem) *is hereby assigning to Transferee* (G.O.S.S.)*, who accepts, all claims and rights at law, including but not limited to any litigious rights, which Transferor was entitled to avail of, in connection with the recovery of the wages due from the Debtors.*

*3.Transferor is hereby also subrogating Transferee in his place and stead, who accepts, to all claims and rights at law, including but not limited to any litigious rights, which Transferor was entitled to avail of, in connection with the recovery of the wages due from the Debtors."*.

F'dan il-kuntest il-qorti tirrileva li:-

i. is-surroga sssehh meta persuna thallas id-dejn ta' haddiehor. F'dan il-kaz meta G.O.S.S. Consultants Limited hallset lill-persuni li kienet ingaggat, kienet qeghda thallas id-dejn taghha stess u mhux ta' haddiehor. L-attrici kellha relazzjoni kuntrattwali man-nies li nkarigat, u li ntbaghatu jahdmu fuq il-vapur MV UTEC Surveyor. Fil-kors tas-smiegh tal-provi gew prezentati kopja tal-kontijiet li dawn il-persuni hargu lil G.O.S.S. fejn talbu l-hlas ghas-servizz li taw[6], u wkoll dokumenti li juru li G.O.S.S. hallset. Il-fatt li dawk il-persuni kellhom jedd jaghmlu azzjoni kontra l-bastiment, ma jfissirx li G.O.S.S. Consultants Limited hallset id-dejn ta' haddiehor. L-attrici, bil-hlas kienet qeghda sempliciment tonora l-obbligu taghha fil-konfront tal-persuni li hi stess kienet inkarigat[7]. In-nies li ntbaghtu mill-attrici biex jahdmu fuq il-bastiment ma kellhom l-ebda relazzjoni kuntrattwali ma' UTEC Survey Limited, sid il-bastiment. Richard Tozer stess spjega li r-relazzjoni kienet wahda kontinwa mal-kumpannija l-ohra, u li *".....**<u>we'd supply crew</u>**, they'd do their rotation, **<u>we'd pay their wages</u>**, there was nothing different happening with this project, until the company went into administration, that's when the problem started."*

---

[6] Ara dokumenti a fol. 61, 65, 69, 78 u 83.

[7] Sahansitra fit-Terms & Conditions tal-attrici stess hemm parti *"Restrictions"* fejn jinghad li l-klijent (UTEC Survey Ltd) ma jistax *"....solicit or endeavour to ofer employment or direct contracting to any Consultant."*.

(enfazi tal-qorti)[8]. G.O.S.S. ma kellix ghazla ohra ghajr li thallas lil dawn il-persuni gialadarba kellha relazzjoni kuntrattwali maghhom. Ghalhekk G.O.S.S kienet qeghda sempliciment tonora l-obbligu taghha u xejn iktar. Fil-fatt kienet imbaghad tohrog kontijiet lil UTEC Survey Ltd biex tithallas tas-servizz li tkun tat, u sahansitra titlob il-VAT fuq l-ammont. Ovvjament fil-kont kienet tinkludi l-ispejjez li tkun ghamlet fl-ghoti tas-servizz, cjoe' l-hlas lin-nies teknici li tkun baghatet biex jahdmu fuq il-bastiment. Tozer stess qal li wara li hadu parir legali, illimitaw il-claim f'din il-kawza ghall-hlas li kien sar lin-nies teknici. Madankollu hekk kif G.O.S.S. hallset id-dejn li kellha man-nies li hi stess ingaggat, sehhet l-estinzjoni tal-obbligazzjoni fil-konfront tal-membri tal-ekwipagg li ser jissemmew hawn taht. Ovvjament f'dak l-istadju dawk il-persuni ma setghu qatt jivvantaw xi pretensjoni kontra l-bastiment, gialadarba kienu thallsu minn min kien tahom l-inkarigu (G.O.S.S Consultants Limited). Ragunament li ghandu japplika wkoll ghal cessjoni ta' kreditu.

ii. F'kull kaz peress li s-surroga ma saritx flimkien mal-hlas, ma jidhirx li l-attrici tista' ssostni li giet surrogata fid-drittijiet (Artikolu 1165(a) tal-Kap. 16).

4. Minn qari tar-rikors guramentat hu wkoll evidenti li l-attrici ma kenitx qeghda tibbaza ruhha fuq ic-cessjoni ta' kreditu jew surroga li jissemmew fil-ftehim li ghamlet man-nies li kienet ingaggat biex jahdmu fuq MV UTEC Surveyor u fejn jinghad li qeghdin icedu d-drittijiet u jissurrogaw lil G.O.S.S. fid-drittijiet taghhom fil-konfront tal-bastiment u UTEC Survey Limited. Tant hu hekk li:-

a) L-ammont li qeghda titlob permezz tar-rikors guramentat m'huwiex limitat ghall-pagi tal-persuni ngaggati minn G.O.S.S. Consultant Limited, izda jinkludi wkoll spejjez u hlas ta' VAT. Kien waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2010 li l-attrici pprezentat nota li permezz taghha rriduciet it-talba ghas-somma ta' €40,348.73 u ddikjarat li din ic-cifra tirreferi ghall-pagi li thallsu lill-erbgha min-nies li ngaggat.

---

8 Fol. 46.

b) Fir-rikors guramentat m’hemm l-ebda riferenza ghall-ftehim li l-attrici ghamlet ma’ kull wiehed minn dawn il-persuni, li huma Jamkar Lukasz, Bingham Niall, Graham March Caines u Mohammed Soliman. Ftehim li gew prezentati ghall-ewwel darba fis-seduta tat-8 ta’ Marzu 2011 quddiem l-Assistant Gudizzjarju.

Il-qorti m’ghandix dubju li l-azzjoni giet proposta fil-kuntest tas-servizz li l-attrici tallega li tat lill-bastiment. Servizz li mill-provi rrizulta li fir-realta’ nghata lil UTEC Survey Limited.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni u tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Spejjez a karigu tal-attrici**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------